MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 1797/2005/1

**Karmenu Mifsud**

**vs**

**Mariano D' Amato**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Mejju, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' Ottubru 2005 fejn l-attur talab ghall-hlas tas-somma ta` elf u hames mija Liri Maltin (Lm1,500) minghand il-konvenut, bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba.

Ra r-risposta tal-konvenut ta' l-1 ta' Novembru 2005 li permezz taghha eccepixxa illi huwa mhux il-legittimu

kontradittur u fit-tieni lok illi l-flus indikati gew mghoddija ghal skopijiet illeciti u kwindi l-azzjoni attrici ma setghetx tirnexxi.

Ra l-atti kollha tal-kawza, nkluz ix-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti.

Sema` t-trattazzjoni tal-abbli Avukati difensuri tal-partijiet.

Ra l-verbal tas-16 ta' Marzu 2006 fejn gie dikjarat illi l-kawza setghet tithalla ghall-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra :

Illi l-attur jghid illi darbtejn silef flus lill-konvenut, darba billi ghaddielu *bank draft* ta' elf Liri Maltin (Lm1000) u darb'ohra billi ghaddielu cekk ta' hames mitt Liri Maltin (Lm500).

L-attur izid jghid illi kien silfu dawn il-flus minhabba li kellu xi spejjez fuq vettura li kien xtara u habat biha.

F'din l-ewwel darba li xehed (2 ta' Frar 2006), l-attur esebixxa kopja ta' ittra ufficjali (DOK KM3) u kif ukoll ricevuta ta' *bank draft* mahrug mill-Bank of Valletta plc (DOK KM1) u kopja ta' cekk tal-Bank of Valellta plc ukoll pagabbli lil Mariano D'Amato (DOK KM2).

Meta l-attur tressaq ghall-kontro-ezami fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2006, l-attur qal illi ghadda zewg pagamenti lill-konvenut, izda fl-istess nifs mbaghad jghid illi c-cekkijiet ghaddihom lill-omm il-konvenut "peress illi kont nara lil ommu aktar milli kont nara lill-konvenut".

Ukoll l-attur l-ewwel jghid illi l-flus kien talabomlu l-konvenut, pero` fir-risposta tieghu ghad-domanda sussegwenti jghid "iva ommu talbitni l-flus, imma ghalih".

Il-konvenut Mariano D'Amato stqarr (16 ta' Marzu 2006) illi huwa jichad illi qatt issellef flus minn ghand l-attur, u cahad ukoll illi ommu ghaddietlu xi cekkijiet jew flus ta' l-

attur jew mislufa mill-attur. Muri d-dokumenti, wkoll cahad illi qatt rahom.

Filwaqt illi ammetta illi habat bil-vettura tieghu, pero` stqarr ukoll illi ma rrangahiex.

Xehdet ukoll Carmen D’Amato (16 ta’ Marzu 2006) li qalet illi l-attur kien itiha l-flus ghad-drogi, stante illi ghandha tifel iehor b’din il-problema.

Tichad ukoll illi qatt talbet xi flus f’isem binha Mariano, il-konvenut.

Pero` ix-xhud Carmen D’Amato tghid ukoll “…. niftakar illi jien kont ghidtlu li dawk ghat-tifel Mariano, pero` jien kont naf illi ma kienux ghalih. Pero` lill-attur jien kont ghidtlu illi kienu ghal Mariano. Jiena l-flus tlabthom minghand l-attur ghal Mariano. Fil-verita` ridthom ghat-tifel l-iehor”.

Carmen D’Amato irrikonoxxiet il-mod kif saru lilha z-zewg pagamenti billi gharfet id-dokumenti esebiti. Tistqarr ukoll “ic-cekk huwa ffirmat minni, igifieri dawn ic-cekkijiet sarrafthom jiena”.

It-Tribunal irid jghid illi kienet biss ix-hud Carmen D’Amato illi ccarrat l-affarijiet. Sakemm kienu xehdu biss il-partijiet, it-Tribunal ihoss illi l-attur ma kienx irnexxielu jipprova l-kaz tieghu.

Apparti l-kontradizzjonijiet fid-deposizzjoni ta’ l-istess attur, it-Tribunal jirreferi ghal DOK KM1 u jirrileva illi dak huwa biss l-ircevuta tal-Bank lill-attur izda ma hemm ebda prova illi dan il-*bank draft* ghadda ghand il-“*beneficiary*” hemmek ndikat – ossia il-konvenut.

It-Tribunal irreferi wkoll ghal DOK KM2 u jirrileva illi dan huwa biss fotokopja ta` cekk pero` ma’ jippruvax illi l-hlas permezz ta’ dak l-istess cekk sar. Ma hemmx konferma illi dan issarraf.

Allura sakemm Carmen D’Amato stqarret illi c-cekkijiet sarrfithom hi- zgur illi l-prova ta’ l-attur kienet monka.

Pero` dan iwassal lit-Tribunal sabiex jiddikjara illi filwaqt illi ma hemmx provi cari bizzejjed u allura mhux konvint illi l-flus gew mghoddija ghal skopijiet illeciti, jiddikjara wkoll illi l-flus gew mghoddija mill-attur mhux lill-konvenut izda lil omm il-konvenut. Kien mhux biss l-attur stess illi kkomferma illi kienet omm il-konvenut illi talbitu l-flus, izda fuq kollox l-istess Carmen D'Amato illi stqarret illi c-cekkijiet sarrfithom hi.

It-Tribunal ma ghandux prova dokumentali illi c-cekkijiet sarrfithom Carmen D'Amato – ghalkemm hi tammettiha u ghamlet hekk – jew kienu ffirmati minn Mariano D'Amato (counter-signed) jew nkella giet iffalsifikata l-firma tieghu sabiex issarrfu c-cekkijiet – agir dan illi huwa zgur kundanabbli.

Finalment u bhala l-ahhar konsiderazzjoni, it-Tribunal jinnota illi Carmen D'Amato stqarret illi "jiena kont ghidtlu li dawk ghat-tifel Mariano, pero` jien kont naf illi dawk mhux ghalih".

Dan jikkuntrasta sewwa ma` dak li bdiet biex tixhed bih l-istess Carmen D'Amato meta qalet "Il-konvenut jigi t-tifel tieghi. Jiena l-attur nafu u nghid illi dejjem imqabbad mieghi. Mistoqsija jekk jiena tlabtx flus lill-attur ghat-tifel, nghid illi le, jiena qatt ma tlabtu flus ghat-tifel, il-flus kien jghatihomli ghad-drogi. Ghandi tifel iehor b'din il-problema".

Din il-kontradizzjoni mghaduda mal-fatt illi fi kliem Carmen D'Amato stess, l-attur qatt ma kien jaf illi l-flus mhux in effetti ghal Mariano, anzi hu kien jintalab dawn il-flus minn Carmen D'Amato ghal Mariano, it-Tribunal ihoss illi kien gust l-attur illi ntavola l-proceduri kontra l-istess Mariano D'Amato. Hareg ic-cekkijiet li ssarfu fuq il-konvenut ghax kien dejjem mgharraf minn Carmen D'Amato illi l-flus kienu ghal Mariano. Ghall-attur Carmen D'Amato kienet biss il-persuna illi wasslet ic-cekkijiet lil Mariano.

Ghaldaqstant, in vista ta' dan kollu, it-Tribunal, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u

jilqa` t-talbiet attrici billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elf u hames mitt Liri Maltin (Lm1500), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz.”

Minn din is-sentenza appella l-konvenut li talab it-thassir taghha. Anke f’ din is-sede huwa jkompli jinsisti, bi gravmi, fuq l-istess eccezzjonijiet minnu sollevati quddiem it-Tribunal ghall-istanza ta’ l-attur. Jigifieri, li hu ma huwiex il-legittimu kontradittur u li, f’ kull kaz, l-attur kien jaf illi l-flus mislufa kienu ser jigu applikati ghal skopijiet illeciti;

Bi preliminari ghall-ewwel aggravju ghandu jigi osservat illi ghal fini tal-valutazzjoni tal-legittimazzjoni tal-kontradittorju wiehed ghandu necessarjament u guridikament jiehu rigward ghall-prospettazzjoni ta’ l-attur bl-azzjoni minnu intentata u mhux ghall-ezitu tal-kontroversja. Fi kliem iehor, jekk il-konvenut huwiex ukoll il-legittimu kontradittur jiddependi mill-accertament maghmul fuq il-bazi tad-domanda proposta, jigifieri, mir-rizultat persegwit mill-attur fil-gudizzju;

Dan premess, f’ dan il-kaz l-attur jippretendi illi kienet dovut lilu s-somma reklamata fl-avviz u li hu jghid li silef *brevi manu* lill-konvenut. Minn naha tieghu l-konvenut jissottometti fil-kuntest ta’ l-ewwel aggravju tieghu illi:-

(i) Fl-ebda waqt ma avvicina lill-attur b’ rikjesta ghal self ta’ flus;

(ii) L-attur ma gabx prova, diretta jew indiretta, illi permezz taghha stabilixxa illi l-ammont attwalment mislufa lill-omm l-istess konvenut ittiehed fuq inkariku, jew ghall-bzonnijiet, tieghu;

(iii) Effettivament, minn dak mistqarr mill-istess ommu l-flus qatt ma spiccaw ghandu;

(iv) Irrizulta li l-firma tieghu giet ikkupjata minn ommu, bir-rizultat illi hu qatt ma kien ko-involt f' din l-affari;

In essenza, kif jitrapela mid-definizzjoni ta' l-Artikolu 1842 Kodici Civili, il-kuntratt tas-self hu wiehed li permezz tieghu min jislef javanza flus jew hwejjeg ohra lil min jissellef ghall-uzu ta' dan, bl-obbligu li jroddhom lura. Il-forma ta' ftehim bhal dan hi wahda libera. Il-funzjoni tieghu tirrealizza ruhha mal-konsenja avvenuta;

F' dan il-kaz, kif jirrizulta mix-xhieda ta' l-attur, omm il-konvenut issellfet is-somma reklamata ghal vantagg ta' l-appellanti binha. Fil-fatt, l-attur ghadda lil din *bank draft* u cekk intestati f' isem il-konvenut biex dan jadopera l-flus ghal xi spejjez fuq vettura li kien xtara u habat biha. L-omm, Carmen D' Amato, tikkonferma illi fil-mument tal-ftehim hi talbet il-flus ghal htigijiet tal-konvenut, anke jekk, imbaghad, kif dikjarat minnha, finalment adoperathom ghal bzonnijiet ta' binha iehor. Kontrattazzjoni bhal din hi anke permissibbli mil-ligi, jekk wiehed kellu jikkonsidraha mill-ottika ta' l-Artikolu 1000 tal-Kodici Civili. L-interess li jillegittimaha hu dak li l-beneficcju tat-terz jista' jkun anke morali jew affettiv kif ukoll bhala liberalita` ghaf-favur tieghu bhala konsegwenza indiretta tan-negozju, ad ezempju, donazzjoni. L-importanti hu li t-terz ikun iddikjara li jrid jinqeda bil-ftehim. Tali dikjarazzjoni tat-terz li jrid japprofitta ruhu mill-ftehim ma hi assoggettata ghall-ebda forma partikolari u allura tista' tkun kemm espressa jew tacita. Tista' wkoll tkun implicita minn certu atteggjament jew dezunta mic-cirkostanzi;

Issa hu veru li l-konvenut appellant jghid li hu ma ssellef ebda flejjes u dawn lanqas ma ghaddew ghandu. Daqstant iehor pero` hu wkoll veru illi hu mbaghad jonqos milli jikkontradici jew jirribatti dak dikjarat mill-attur fis-sens li ma giex mill-konvenut negat dan is-self jew il-beneficcju rikavat minnu imma sempliciment illimita ruhu biex jghid lill-attur biex ma jersaqlux fuq il-post fejn jahdem minhabba l-imghallem tieghu. Kif taraha din il-Qorti, fuq l-

apprezzament taghha tal-provi u tat-test tal-verosimiljanza u tal-kredibilita`, il-konvenut kellu konoxxenza kompleta tas-self li kien sar ghall-vantagg tieghu u, ankorke kellu jigi accettat illi dak dikjarat mill-omm illi s-self sar biex jissodisfa l-vizzju ta’ binha iehor, jikkorrispondi ghas-sewwa, u mhux fabbrikat ghall-iskop tal-kawza, x’ sar jew ma sarx mill-flus mislufa, minn wara dahar l-attur, ghandu jitqies *res inter alios acta* ghar-rapport negozjali intervenut, u allura ghar-responsabilita` tal-konvenut, bhala legittimu kontradittur, li jaghmel tajjeb ghar-radd lura.  L-ewwel aggravju qieghed ghalhekk jigi michud;

Ghall-ezami tat-tieni aggravju jibda biex jinghad illi, fl-accertament tad-dixxiplina regolatrici tan-negozju, il-gudikant ghandu jipprocedi ghall-valutazzjoni tal-*causa*, in kwantu element essenzjali tan-negozju nnifsu.  Huwa jehtieglu jzomm prezenti illi tali *causa* tipprospetta ruhha bhala strument ta’ valutazzjoni tan-negozju guridiku li sehh u tal-konformita` tieghu mal-ligi.  Ghal skop ta’ verifika tal-licejita` tieghu huwa jrid jara u jikkonstata jekk il-*causa* hijiex wahda “ipprojbita mil-ligi jew kuntrarja ghall-ghemil xieraq jew ghall-ordni pubbliku” (Artikolu 990, Kodici Civili).  Dan ghaliex, kif ritenut mill-Qorti ta' l-Appell, sede Civili, in re “**Lucrezia Marmara`** ***nomine*** **-vs- Giuseppe Caruana** ***et***”, 18 ta’ Novembru 1914 (**Kollez. Vol. XXII P I p 193**), “*nessun atto, per quanto liberamente consentito e talora ripetuto, e nessun periodo di tempo, per lungo che sia, possono dare efficacia ad una obbligazione proibita per ragion di ordine publico*”;

Applikat dan li nghad ghall-kaz in ispecje huwa bil-wisq evidenti, ankorke kellha titwemmen ix-xhieda ta’ Carmen D’ Amato dwar l-uzu impjegat mis-self tal-flus, u li dwaru l-attur ma kellu ebda xjenza, illi l-*causa* tas-self li sar, fuq l-accertament ta’ l-elementi kostitutivi tan-negozju, kellha korrispondenza ma’ obbligazzjoni lecita u certament ben diversa mill-intent, dejjem jekk wiehed jaccetta l-istqarrija ta’ omm il-konvenut, pratikat minn din.  Anke jekk dan kien hekk il-kaz, stabbilit in-nuqqas ta’ xi ko-involgiment mill-attur jew tax-xjenza fih dwar l-uzu impjegat mis-self li

ghamel, allura ghandu jkollu applikabilita` d-dispost ta’ l-Artikolu 991 (1) Kodici Civili u s-self li nghata seta’ jintalab lura. Jikkonsegwi li dan it-tieni aggravju wkoll ma jisthoqqlu ebda akkoljiment u ser jigi respint.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tirrespingi l-appell fiz-zewg kapi ta’ l-aggravji sottomessi u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------